# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 242/2019/1 LM**

**Dottor Michelle Tabone fil-kwalita' tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, bħala Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tal-'Legato Fra Gabriele Loretta' amministrat mill-Veneranda Sodalita' delle Anime Purganti**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, Anthony Busuttil, Suzanne Busuttil u Brian Busuttil**

1. Din is-sentenza hi b'referenza għall-appell tal-attriċi nomine tal-24 ta' Lulju 2023 mis-sentenza tal-Ewwel Qorti li laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li biha qal li r-rikorrenti Dr Michelle Tabone għandha

tagħti prova *"1.... illi hija verament għandha r-rappreżentanza tal-entitajiet kollha li għan-nom tagħhom hija ippromoviet dawn il-proċeduri"*.

2. Il-kwistjoni hi dwar il-fond numru 16, Triq Għar id-Dud, Sliema li b'kuntratt tal-1 ta' Mejju 1916 kien ingħata b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil Olga Sant Fournier għall-perjodu ta' 99 sena. Perjodu li skada fl-2015. Il-konċedent kien il-prokuratur tal-Legato Fra Gabriele Loretta, amministrat mill-Veneranda Sodalita' delle Anime Purganti. L-attriċi nomine fetħet il-kawża sabiex *inter alia* jiġi ddikjarat li s-subinċiżi (4), (5) u (6) tal-art. 12 tal-Kap. 158 jilledu l-jeddijiet fundamentali tal-attriċi nomine, protetti bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Umani. Talbet ukoll dikjarazzjoni li l-konvenuti m'għandhomx jedd jikkonvertu l-enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa, u lanqas li jifdu ċ-ċens perpetwu, kif ukoll dikjarazzjoni li l-fidi taċ-ċens li sar b'ċedola 1170/2018 hu null u bla effett, kif ukoll tordna l-iżgumbrament tagħhom u ħlas ta' kumpens għall-okkupazzjoni llegali.

3. Bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"Decide.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu u dawk tal-intimati Busuttil, u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti nomine"*.

4. L-Ewwel Qorti rraġunat:

*"Konsiderazzjonijiet legali*

*19. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-intimati Busuttil. Tibda bl-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, li permezz tagħha huwa qiegħed jikkontendi li r-rikorrenti noe għandha turi li hija tassew għandha r-rappreżentanza tal-entitajiet kollha li għan-nom tagħhom hija ressqet il-proċeduri odjerni. Il-Qorti hawn tieħu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet magħmulin fin-nota aħħarija tar-rikorrenti noe fejn tikkontendi li hija mkien fir-rikors tagħha ma ddikjarat li qegħda tirrappreżenta xi waħda mill-Entitajiet Ekkleżjastiċi rikorrenti, għaliex hija qegħda biss bħala Ekonomu tirrappreżenta lill-Arċisqof, li bħala l-Ordinarju tal-Arċidjoċesi ta' Malta huwa l-amministrattur tal-imsemmija entitajiet. Għaldaqstat tikkontendi li l-eċċezzjoni ma tiswiex.*

*20. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti noe, li b'riferiment għal Can 1276 tal-Kodiċi Kanoniku, tkompli tgħid li l-liġi Kanonika hija ċara fejn l-Ordinarju jew l-Arċisqof jirrappreżenta l-entitajiet djoċesani li jaqgħu taħt id-Djoċesi tiegħu. Tirrileva li skont il-Can 1276(i) "Ordinaries must carefully supervise the administration of the goods which belong to the public juridical persons subject to them...", iżda fil-każ odjern il-Qorti tirrileva li jirriżulta b'mod inekwivoku, u dan dejjem jekk wieħed għandu jistrieħ fuq il-prova dokumentarja miġjuba mir-rikorrenti noe stess, li l-fond mhuwiex proprjetà tal-Veneranda Sodalità delle Anime Purganti, iżda tal-Legato Fra Gabriele Loretta, u l-Veneranda Sodalità delle Anime Purganti hija sempliċement amministratriċi ta' dan il-legat.*

*21. Dan joħroġ ċar mill-att tal-1 ta' Mejju, 1916, fejn jingħad li qed jidher "Il signor Alfredo Scalpello ...che deviene al presente atto quale Procuratore del Legato "Fra Gabriele Loretta", amministrato dalla Veneranda Sodalità delle Anime Purganti della Valletta, autorizzato all'infrascritto effetto per Consulta Generale di detta Veneranda Sodalità...". Il-Qorti tgħid li kif deskritta l-kwalità ta' Alfredo Scalpello fuq dak l-att, ma jħalli l-ebda dubju li l-fond huwa biss amministrat mill-Veneranda Sodalità delle Anime Purganti della Valletta, u għaldaqstant il-Can. 1276 mhuwiex applikabbli.*

*22. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat tirriżulta ġustifikata, u l-Qorti tilqagħha".*

5. Fl-24 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti appellat mis-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza li tat l-Ewwel Qorti u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat. L-ilment tar-rikorrenti hu li:

i. Dr Michelle Tabone qiegħda tidher fil-kawża biss fil-kariga ta' Ekonomu u mhux bħala rappreżentant tal-entijiet Legato Fra Gabriele Loretta jew il-Veneranda Sodalita';

ii. Il-kawża saret mill-Arċisqof ta' Malta li jirrappreżenta l-entijiet imsemmija.

iii. Il-legat Fra Gabriele Loretta hu legat piju, kif jirriżulta mid-dokumenti mehmuża mal-kuntratt tal-1 ta' Mejju 1916. F'dan ir-rigward għandu japplika d-dritt kanoniku li jirregola l-entijiet ekkleżjastiċi. L-appellanti għamlet referenza għall-art. 1742 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll l-art. 26(7)(ii) tat-Tieni skeda tal-istess liġi dwar fondazzjonijiet piji.

iv. L-Arċisqof qatt ma qal li hu s-sid tal-proprjetà u wisq inqas li hi proprjetà tal-Kurja. Il-fond jifforma parti mill-imsemmija entijiet ekkleżjastiċi li huma rappreżentati minnu. Peress li jaqgħu taħt is-superviżjoni tiegħu, għandu d-dover li jamministra tajjeb il-beni tagħhom.1

6. Fis-7 ta' Awissu 2023 wieġeb l-Avukat tal-Istat u fejn iddikjara li jaqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-Art. 1276 tal-Kodiċi Kanoniku ma japplikax. Żied li kif qalet l-Ewwel Qorti, il-fond hu proprjetà tal-legat Fra Gabriele Loretta.

7. Fil-11 ta' Ottubru 2023 wieġbu l-konvenuti Busuttil u argumenta li l-aggravji u sottomissjonijiet li saru mir-rikorrenti kellhom isiru fl-ewwel stadju tal-proċeduri.

**<u>Konsiderazzjoni</u>:**

8. Fl-ewwel lok, Dr Michelle Tabone qiegħda tidher f'isem l-Arċisqof ta' Malta, bħala l-amministratur tal-entijiet ekkleżjastiċi. L-okkju tal-kawża li fetħet l-attriċi nomine jaqra hekk:

> *".... Dottor Michelle Tabone ... fil-kwalita' tagħha ta' Ekonomu ta' l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, bħala amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi kollha ta' Malta għan-nom u fl-interess tal-Legato Fra Gabriele Loretta amministrat mill-Veneranda Sodalita' delle Anime Purganti"*.

9. Dr Tabone ma dehritx bħala l-amministratiċi tal-Legat Fra Gabriele Loretta jew Veneranda Sodalita' delle Anime Purganti. Għalihom qiegħed jidher l-Arċisqof ta' Malta.

10. Skont l-artikolu 786 tal-Kap. 12, eċċezzjoni ta' illeġittimita' tal-persuna ma tistax tingħata kontra l-ekonomu li jkun qiegħed jaqdi l-funzjoni ekwivalenti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta.

11. M'hemmx kwistjoni li Dr Michelle Tabone hi l-ekonomu fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Kawża li fetħet f'isem Monsinjur Arċisqof.

12. Mill-atti jirriżulta li b'kuntratt tal-1 ta' Mejju 1916 ingħatat il-konċessjoni oriġinali ta' enfitewsi. Għad-direttarju kien deher Alfredo Scalpello għan-nom tal-Legat "Fra Gabriele Loretta", amministrat mill-Veneranda Sodalita' delle Anime Purganti. Fih jingħad li Scalpello kien awtorizzat:

> *"per Consulta Generale di detta Veneranda Sodalita' tenuta il di venticinque Ottobre millenovecento quindici, di cui un estratto, (Documento A) rimane conservato e registrato col presente, ed autorizzato con Rescritto della Sacra Congregazione del Concilio del dieciasette Febrajo mille novecentosedici e con Decreto Esecutoriale di Monsignor Arcivescovo di questa Diocesi Don Mauro Caruana del ventottto Febrajo suddetto ..... (scritte in un sol documento, marcato B)....".*

13. Mid-dokumenti mehmuża mal-imsemmi kuntratt hu evidenti li l-legat "Fra Gabriele Loretta" hu legat piju. Fil-fatt mill-istess dokumenti jirriżulta li Scalpello talab u ottjena l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-knisja sabiex sar dak l-att.

14. L-iskop ta' legat piju hu *"il culto divino o la salute dell'anima"* (ara sentenza Wilson v Dr Peralta tal-Qorti tal-Appell, 4 ta' April 1892 – Vol. XIIIB.173).

15. Rilevanti wkoll dak li xehed Raymond Bonnici, li kien jokkupa l-kariga ta' *property Manager* fil-Kurja, li spjega kif fil-ftehim iffirmat bejn is-Santa Sede u l-Istat ta' Malta tat-28 ta' Novembru 1991, il-fond oġġett tal-kawża baqa' għand il-Knisja. Dwar dan ressaq ukoll prova dokumentarja. Meta tqis dik il-prova li ma ġietx kontestata, il-Qorti taraha stramba kif l-Avukat tal-Istat qiegħed illum iqajjem dubju dwar il-pożizzjoni tal-Knisja fir-rigward tal-fond oġġett tal-kawża.

16. F'affidavit ieħor (fol. 78) l-istess xhud qal li l-legat Fra Gabriele Loretta ħalla l-fond lil Veneranda Solidalita' delle Anime Purganti, *"... sabiex il-proprjetà u l-frott tagħha jiġi massimizzat u jintuża għal skopijiet pastorali"*.

17. Ħadd mill-konvenuti ma ressaq xi provi li jistgħu jnisslu xi dubju dwar dan.

18. Fis-sentenza Vincent E. Ciliberti nomine vs Marianna Spiteri et tad-29 ta' April, 2008, din il-Qorti qalet hekk wara li għamlet referenza għall-Artikolu 1742 tal-Kodiċi Ċivili:[1]

> *"Dak l-artikolu, iżda, kien miżjud bl-Att V ta' l-1920, u ma kienx parti mill-Ordinanza VII ta' l-1868 li, fiż-żmien relevanti, kienet il-liġi li tirregola l-jeddijiet fuq il-beni u kif dawk il-jeddijiet setgħu jinkisbu jew jiġu aljenati.*
>
> *Dan ma jfissirx illi d-dritt kanoniku ma kellu ebda seħħ f'Malta qabel ma ddaħħal l-art. 1742 fil-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt, wara li, bil-Proklama numru V ta' l-10 t'April 1828, kienet soppressa l-ġurisdizzjoni temporali tal-Qrati Ekkleżjastiċi għal għanijiet ċivili, u dik il-ġurisdizzjoni għalhekk għaddiet lill-qrati ċivili, din il-qorti f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Marzu 1892 in re Fortunata Fleri versus Carmelo Cassar nomine4 kienet qalet illi:*
> *… … … col citato Proclama [del 10 Aprile 1828], la giurisdizione contenziosa di quella Curia [Vescovile] fu ristretta alla cognizione di cause meramente spirituali; e le liti, pertanto, relative ai legati … … … come a benefici ecclesiastici, passarono alle Corti di Giustizia di Sua Maestà la Regina;*
>
> *Che queste Corti, però, subentrando alla Curia Vescovile, sono tenute nell'amministrazione della giustizia di applicare le Leggi Canoniche nello stesso modo come lo era quella Curia, non essendo, nè con quel Proclama nè con altre disposizioni legislative, stato fatto alcun cambiamento rispetto a quelle leggi o alla loro applicazione.*
>
> *Din il-qorti mbagħad, f'sentenza mogħtija fl-4 t'April 1892 in re Rosina Wilson versus Rocco Peralta et, wara li fissret illi legati piji huma regolati bil-liġijiet kanoniċi, kompliet tfisser ………".*

19. Skont Art. 1544 tal-Kodiċi Kanoniku tal-1917:

> *"By the name of pious foundation there are signified those temporal goods given in any way to some moral person in the Church with the obligation, in perpetuity or for a long time, to celebrate some Masses for the proceeds, or to perform some other identified ecclesiastical functions, or to conduct pious or charitable works".*

---

[1] *"Bla ħsara ta' kull liġi oħra speċjali f'Malta, il-benefizzji ekklesjastiċi, jew il-kappellaniji ekklesjastiċi perpetwi, jew il-patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali perpetwi għandhom, sewgħal dak li għandu x'jaqsam mal-eżerċizzju, it-tgawdija, it-tmiemjew it-telf tal-ġuspatrunat, attiv jew passiv, kif ukoll għal dak ligħandu x'jaqsam mal-kwalifiki u l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiexjistgħu jikkostitwixxu titolu ta' ordinazzjoni jew sabiex jista' jsirużu minnhom għaldaqshekk, huma regolati mil-liġi kanonika li issajew minn żmien għal żmien tkun isseħħ f'Malta: ….."*

20. Id-dispożizzjoni rilevanti fil-Kodiċi Kanoniku tal-1983 hu l-Art. 1303.

21. Ġialadarba l-legat Fra Gabriele Loretta hu legat piju, jaqa' taħt l-awtorità tal-Knisja. Skont art. 1276 §1 tal-Kodiċi Kanoniku:

> *"It is for the ordinary to exercise careful vigilance over the administration of all the goods which belong to public juridic persons subject to him, without prejudice to legitimate titles which attribute more significant rights to him"*.

22. Ma jirriżultax li l-Knisja appuntat xi persuni biex tirrappreżenta lill-imsemmija entijiet ekkleżjastiċi. Għalhekk l-Ordinarju, fil-każ in eżami l-Arċisqof ta' Malta, għandu r-rappreżentanza tal-entijiet ekkleżjastiċi li jaqgħu taħt id-Djoċesi tiegħu.

23. Effettivament il-provi juru wkoll li l-konvenuti Busuttil kienu b'ċedola ta' fidi u depożitu (numru 1170/2018 preżentata fil-15 ta' Ġunju 2018) iddikjaraw li qegħdin jifdu ċ-ċens li kien fl-ammont ta' €69.90, u liema fidi sar fl-ammont ta' €1,398. Il-konvenuti Busuttil ippreżentaw iċ-ċedola fil-konfront ta':

> *"Dr Michelle Tabone ..... bħala Ekonomu tal-Eċċellenza tieghu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entitajiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta u in rappreżentanza tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u din bħala Amministratur tal-Legato Fra Gabriele Loretta amministrat mill-Veneranda Sodalita' delle Anime Purganti"*.

24. Fl-affidavit il-konvenuta Suzanne Busuttil ikkonfermat li kien jitħallas iċ-ċens u li kienu fetħu l-kawża 509/2015 għall-fidi taċ-ċens. Spjegat ukoll li kienu ppruvaw jaslu fi ftehim mal-Kurja u dan sar permezz ta' ittra mibgħuta lid-difensur tal-Kurja (ittra datata 21 ta' Novembru 2016,

fol. 132). Fiha ntalab li ssir diskussjoni dwar l-akkwist tal-fond oġġett tal-kawża. Eventwalment iddeċidew li jifdu ċ-ċens permezz ta' ċedola. Spjegat li dan wassalhom biex jirrinunzjaw għall-kawża 509/2015.

25. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li:

i. L-Ekonomu qiegħda tirrappreżenta lill-Arċisqof ta' Malta u mhux l-entijiet li jissemmew;
ii. L-Arċisqof ta' Malta għandu l-awtorità li jaġixxi b'kawża f'isem l-imsemmija entijiet ekkleżjastiċi;

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tar-rikorrenti nomine u filwaqt li tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti biex jissokta s-smigħ tal-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb